Nru. 630

ORDNI TA' EMERĠENZA GĦAL KONSERVAZZJONI

ARTIKOLI 47 U 48(5) TA' L-ATT TA' L-1992 DWAR L-IPPJANAR TA' L-IŻVILUPP

L-Awtorità ta' l-Ippjanar tqis illi s-siġar li ġejjin, jiġifieri:–

Phoenix Canariensis waħda
(Palma tal-Gżejjer Kanarji)
u
Araucaria heterophylla waħda
(Prinjol tal-Gżira Norfolk - Awrikarja)
f'San Pawl il-Baħar

(ara l-pjanta f'paġna 5054) huma ta' valur estetiku, kulturali, u arborikulturali. Hija temmen ukoll li għalhekk is-siġar għandhom jitqiegħdu fuq il-Lista ta' Siġar Skedati skond it-termini ta' l-artikolu 48(1) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, 1992.

L-Awtorità hija wkoll tal-fehma li s-siġar imsemmija huma fil-periklu li jiġu maqlugħa mill-għeruq, meqruda, miżbura, żmiċċati mid-dirgħajn, jew inkella li b'xi mod ieħor issirilhom ħsara.

L-Awtorità qiegħda b' ħekk toħroġ Ordni ta' Emerġenza għal Konservazzjoni għar-rigward tas-siġar imsemmija hawn fuq, skond l-artikoli 47 u 48(5) ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Iżvilupp, 1992.

(i) Iż-żewġ siġriet murija fil-pjanta mehmuża huma meqjusa bħala siġar skedati.

(ii) Għandu jsir kull sforz ħalli s-siġar jibqgħu fi stat tajjeb ta' saħħa.

(iii) Jekk għal xi raġuni s-siġar imutu, flokhom għandhom jitħawlu siġar oħra indiġeni, kif approvati mill-Awtorità ta' l-Ippjanar.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk is-siġar issirilhom xi ħsara jew jinqerdu bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra fl-artikoli 46, 52, 53 u 55 ta' l-Att.

L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq siġar skedati.

It-28 ta' Awissu, 1997

No. 630

EMERGENCY CONSERVATION ORDER

SECTIONS 47 AND 48(5) OF THE DEVELOPMENT PLANNING ACT 1992

The Planning Authority believes that the following trees, namely:–

One Phoenix Canariensis
(Canary Island Palm)
and
One Araucaria heterophylla
(Norfolk Island Pine - Awrikarja)
at San Pawl il-Baħar

(see attached site plan on page 5054) are of aesthetic, cultural and arboricultural value, such as they could be listed as Scheduled Trees in terms of section 48 (1) of the Development Planning Act 1992.

The Authority also believes that the trees are in danger of being uprooted, destroyed, pruned, looped or otherwise harmed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above trees in accordance with sections 47 and 48(5) of the Development Planning Act.

(i) The two trees shown on the attached plan are to be considered as scheduled trees.

(ii) All efforts are to be carried out to ensure the continued well being of the said trees.


(iii) Should the trees die for whatever reason they shall be replaced by trees of indigenous species as approved by the Planning Authority.

The Order shall have effect for a period of six (6) months from the date of publication of this order.

If the trees are in any way damaged or destroyed in contravention of this Order, the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in sections 46, 52, 53 and 55 of the Act.

The Act provides for severe penalties for contravention of control on scheduled trees.

28th August, 1997



PLANNING AUTHORITY

St. Francis Ravelin
Floriana

PO Box 200, Valletta
Tel:240976 Fax:224846

(c) Copyright Planning Authority

Bounding Co-Ords.of Map:- Min E46158, N78379 Max E465811, N788451

Title :-

Emergency Conservation Order: San Pawl Il-Baħar

Ref No. :- GF 320/96

- Canary Island Palm and Norfolk Island Palm, at Triq San Ġilardu San Pawl Il-Baħar

Form No. :- MU003